MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 703/2013

**Albert F.S. Manduca Limited (C247)**

**vs**

**Mario Cini ID320660M f'ismu proprju u taht l-isem kummercjali "Sardi Restaurant"**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ is-Socjeta' Attrici qed titlob li l-konvenut, kif imharrek jigi kundannat ihallasha l-ammont ta' elfejn, tlett mija, sebgha u sebghin Ewro u seba' centezmi (€2,377.07c) prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u konsenjata kif muri f'Dok A. Bl-ispejjes u mghax.

**Ra** r-RISPOSTA hekk:-

1. Mario Cini *proprio* mhux legittmu kontadattur ghax qatt ma kellu relazjzoni guridika mas-Socjeta' Attrici.

2. Sardi Restaurant m'ghandhiex personalita' guridika u ma tistax tigi kundannata.

3. In-negozju tar-restaurant imsemmi kien gestit minn Inic Ltd u se mai it-talbiet ghandhom jigu ndirizzati lil din.

4. L-azzjoni hi ormai preskritta.

5. B’riserva ta’ Risposti ulterjuri.

**Ra** li r-raba eccezzjoni giet irtirata fl-udjenza tal-25 ta’ Marzu 2014.

II PROVI

1. It-TRIBUNAL qed hawn jislet xi provi biss u ghall-intier wiehed irid jara x-xhieda shieha fil-process.

2. **Mario Cini** xehed li Sardi Restaurant kien inkera m’ghand is-sidien minn Inic Ltd li taghha hu kien direttur u kien qisu l-*manager* tar-ristorant. L-inbid kienet tixtrih Inic Ltd minghand il-kumpanija attrici. Kontro-ezaminat qal li d-*delivery notes* gieli ffirmalom hu u gieli nies ohra. Indikat lilu li d-dokumentazzjoni dejjem harget fuq ismu, qal ma jafx izda dejjem hallas b’*cheques* ta’ Inic Ltd. “Jien meta ftaht l-*account* mas-socjeta’ attrici kont semmejt Inic Ltd u mhux ismi propju”.

3. **Joe Aquilina** Sales Manager mas-Socjeta’ Attrici qal li lil Mario Cini “sirna nafuh, bhala kumpanija, tramite s-*salesman* taghna u dan gie introducut maghna f’October 2010”. Ghall-ewwel Cini kien ihallas regolarment u mbaghad beda jaqa lura. Qatt ma semma kumpanija u d-*delivery notes* dejjem hargu fuq Mario Cini – b’ebda lanjanza fir-rigward. Esebixxa kopja tad-*delivery notes* kollha – Dok C1 – C30 (*a fol* 20 *et seq*) kif ukoll Dok B1-B5 (*a fol* 15 *et seq*) li huma *transaction history*.

4. In kontro-ezami spjega li hu kien jaf dan kollu tramite s-sistema. Is-*salesman* li fetah l-*Account* kien John Urpani.

5. Qed jitolbu prezzijiet bl-ingrossa.

6. Gie suggerit lilu li fir-risposta ghall-ittra ufficjali msemmija fl-AVVIZ kien intqal li l-persuna responsabbli ma kienx Mario Cini imma kien hemm kumpanija (*ara fol* 50 DOK MC1). Wara li r-ristorant ghalaq, meta gieli cempel lil Mario Cini, “kliemu kien biex niehu pacenzja, li ha jaghmel negozju iehor u qatt ma semma kumpaniji”.

7. Huma gieli thallsu minn klijenti b’cekkijiet ta’ terzi. Cahad li kien jaf (permezz tac-cekkijiet) li r-ristorant kien qed jitmexxa minn Inic Ltd. Esibixxa bhala Dok JA hlasijiet li saru b’cekk (*ara* fol 51)

III KONSIDERAZZJONIJIET

It-TRIBUNAL iqis kif gej:-

1. Mid-dokumenti migjuba u mix-xhieda jirrizulta li m'hemmx kwistjoni dwar l-entita' tal-merkanzija u dwar il-prezz u li ghad fadal x'jithallas il-*quantum* imsemmi fl-AVVIZ. Il-kontestazzjoni hi dwar min hu d-debitur.
2. Hawn ghandna serje ta' konsenji maghmula ininterrottament hekk: SARDI RESTAURANT Mr. Mario Cini. Joseph Aquilina xehed li huma ma kienu jafu lil hadd hlief lil Mario Cini. Hawn ta' min jinnota li Mario Cini **qatt** m'oggezzjona ghal dan, u sahansitra meta waqa lura fil-hlas u talab u nghata n-nifs qatt ma semma lil Inic Ltd. Din issemmiet **biss** meta hu rcieva ittra ufficjali u wiegeb ghaliha.

3. Hu accettat ghal kollox, dak li xehed Joe Aquilina li l-fatt li Cini kien ihallas b'cekkijiet mahruga minn terz ma kienx xi haga mhux solita fin-negozju. It-TRIBUNAL ihoss li Mario Cini qed jara ma x'hiex iqabbad dufrejh issa li sab ruhu f'diffikulta' biex ihallas. Dan ma jistax jirnexxi anke fuq gwida ta' konsiderazzjonijiet ta' ekwita' kif statutorjament dan it-TRIBUNAL ghandu jqis.

IV KONKLUZZJONIJIET

It-TRIBUNAL wara li qies kollox jiddeciedi billi, wara li ra li r-raba eccezzjoni dwar preskrizzjoni giet irtirata (1) **<u>jichad</u>** l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenut (2) **<u>jilqa</u>** t-talba attrici bl-imghax mit-28 ta' Ottubru 2013 sal-jum tal-pagament effettiv u (3) **<u>jikkundanna</u>** lil istess konvenut Mario Cini biex ihallas l-ispejjes ta' dina l-kawza u dawk l-ohra mitluba fl-AVVIZ.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------